Minuti tat-tnax il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2013 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
    - a. 10/7 (23 t'Awwissu 2013)
    - b. 11/7 (26 t'Awwissu 2013)

2. Kommunikazzjonijiet:-
    - a. Sindku
    - b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
        - i. Viċi-Sindku
        - ii. Kunsillieri
    - c. Korrispondenza

3. Mozzjoni
    - a. M1-2013/7:- Mressqa mill-Kunsillier Mark Anthony Sammut sekondata mill-Kunsillier Stefan Caruana li rċieva l-Kunsill fis-17 ta' Settembru 2013, dwar il-one way Triq il-Kbira minn Wesgħet Anġlu Dalli sal-Pjazza li qegħda tiġi operata għal perjodu limitat u bi prova.

4. Rapporti:-
    - a. Ilmenti

5. Xogħlijiet u Progress:-
    - a. Triq il-Kbira
    - b. Toroq oħra:- Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Pjan ta' Ħidma

7. Finanzi:-
    - a. Petty Cash;
    - b. Skeda ta' Pagamenti;
    - c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 *<u>Approvazzjoni ta' Minuti</u>***

***<u>a. 10/7 (23 t'Awwissu 2013)</u>***

***<u>b. 11/7 (26 t'Awwissu 2013)</u>***

1.1 Dawn il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li kienu diġa ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

1.2.0 Korrezzjoni. Minuti 11/7 (26 t'Awwissu 2013).

1.2.1 Tema 9. Proposta għal ftehim dwar l-ammont pendent ta' Mangion Brotheres Żurrieq Ltd għas-somma ta' €16341.00

1.2.2 Para 9.1 (c) tielet paragrafu. Flok in-numru 200mm għandu jidħol in-numru 100mm u għalhekk għandu jinqara hekk:-

'Tul dan iż-żmien Mangion Brothers (Żurrieq) Ltd kompla jinsisti li huwa ġust li jitħallas għax-xogħol peress li għamel asphalt 100mm u mhux 80mm.

1.3 Approvazzjoni Minuti 10/7 (23 t'Awwissu 2013) u 11/7 (26 t'Awwissu 2013). Wara din il-korrezzjoni il-minuti tal-laqgħat 10/7 (23 t'Awwissu 2013) u 11/7 (26 t'Awwissu 2013) ġew approvati nem con.

1.4.0 Affarijiet li tqajmu mill-minuti (11/7 26 t'Awwissu 2013).

1.4.1 Tema 3.1.2 Soft area fi Triq Ħal Tarxien il-Gudja. Il-Kunsill ġie Infurmat illi l-kuntrattur tal-ġonna ELC kien għadu ma bagħatx l-istima dwar ix-xogħol meħtieġ sabiex jinqalgħu is-siġar tal-fikus. Il-Kunsill qabel li għandha issir pressjoni fuq l-ELC sabiex tibagħat l-istima dwar dawn ix-xogħlijiet.

1.4.2 Tema 3.1.3 Vjal it-Torri (l-biċċa t'isfel). Is-Sindku informa lill-Kunsill illi dan it-terrapien ġie imneħħi mit-TM u li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni fuq it-TM sabiex dan il-proġett li kien inbeda u ġie abbandunat mit-TM fi żmien Gvern preċedenti jitkompla b'risq ir-residenti kollha.

1.4.3 Tema 3.1.4 Traffic lights – Triq Ħal Resqun u Triq Bur Ġlat il-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi mill-informazzjoni li kellu t-TM ma kellhomx arbli meħtieġa u li dawn sejrin ikunu funzjonabbli fuq il-post fi żmien erba' xhur.

1.4.4 Tema 1.2.3 - Tema 5 – minuti 23 t'Awwissu 2013 Għeluq u Tiġdid ta' kuntrati – cleaning and clearing of non urban roads (għelqu it-tlett snin). Il-Kunsill ġie infurmat illi ma kienx hemm risposta konvinċenti dwar il-Community Workers Scheme (CWS) u dwar li l-Kunsill ikollu l-persuni addattati għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill iddeċieda illi għandu joħroġ sejħa pubblika (tender) għal dan ix-xogħol kif ikun meħtieġ mill-Kunsill.

1.4.5 Tema 3.1.5 Paġna 4 Minuti 26 t'Awwissu 2013 (11/7). Il-Kunsill ġie ppreżentat b'informazzjoni kif mitluba dwar il-permessi ta' siġġijiet u mwejjed maħruġa barra fil-ġranet tal-festa ta' Santa Marija kif ċelebrat fil-Gudja.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li peress li għal Festa ta' Santa Marija tal-15 t'Awwissu 2013 il-Kunsill ma kienx irċieva talba ghal permess dwar l-imwejjed u siġġijiet li ħarġu quddiem il-Każin Laburista, dan għandu jiġi ratifikat billi meta jintalab permess għal Festa tar-Rużarju, għandu l-ewwel jara għal kemm spazju qed jintalab permess u wara jiġi miftiehem l-permess għal Festa tar-Rużarju joħroġ biss jekk jitħallas ħlas ekwivalenti għas-siġġijiet u mwejjed li jinħarġu barra għal festa ta' Santa Marija 2013.

Il-Kunsill iddeċieda illi kull min jingħata permess mill-Kunsill għandu jiġi infurmat illi dan il-permess għandu jitwaħħal fejn jidher sabiex b'hekk jiġi żgurat li kulħadd ikun għamel ħlas xieraq kif ikun meħtieġ għal permess.

Dan jgħodd ukoll għal dawk kollha li jingħataw permess tat-twaqqif tal-kiosks.

## 2.0 *Kommunikazzjoni*

2.1 Sindku

2.1.1 Stages temporanji tal-Arriva. Is-Sindku informa l-Kunsill illi għal perjodu tal-01 sas-06 t'Ottubru 2013 l-Kunsill talab lill-Arriva u l-Arriva aċċettat illi f'Dawret il-Gudja ikun hemm stages temporanji peress illi l-passiġieri ma jkunux sejrin jitwasslu sa ġewwa l-Gudja.

Is-Sindku qal ukoll li din it-talba sejra terġa ssir għal kull meta t-toroq prinċipali tal-Gudja ma jkunux jistgħu iħallu traffiku jgħaddi permess li jkun hemm l-armar tal-festa.

2.1.2 Laqgħa mal-Pulizija. Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Supretendent tad-distrett u l-iSperttur dwar l-Ordni Pubblika speċjalment waqt il-festi.

2.1.3 Waqfien temporanju tax-xogħol fi Triq il-Kbira Il-Gudja. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kellu talba bil-miktub mill-Każin tal-Banda La Stella sabiex dan ix-xogħol jieqaf temporanjament sabiex ikunu jistgħu jarmaw it-triq għal festa tar-Rużarju li tiġi iċċelebrata l-ewwel Ħadd t'Ottubru 2013.

Il-Kunsill qabel mat-talba tal-Każin tal-Banda La Stella u li x-xogħol għandu jitkompla immedjatament wara s-07 t'Ottubru 2013.

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Wesgħet Anġlu Dalli. Il-Viċi-Sindku qal illi din l-area għandha bżonn ta' riġenerazzjoni peress li tiġi iffrekwentata minn bosta residenti. Is-Sur Baldacchino ippropona illi għandhom jinqalgħu s-siġar tal-Oleander u dik it-tina salvaġġa u flokhom jitħawwlu siġar taċ-ċitru. Fl-inħawi għandhom jitpoġġew ukoll bankijiet xierqa. Għandu jsir dawl LES/Solar sabiex filwaqt li dawn l-inħawi jiġu imdawwla sewwa ikun hemm ukoll konservazzjoni tal-enerġija.

Il-Kunsill qabel ma dak li qal is-Sur Baldacchino u qabel ukoll illi dan ix-xogħol issir kemm jista' ikun bla dewmien.

b. Skips ħodor (bin on wheels). Is-Sur Baldacchino qal illi qed jaslulu ħafna ilmenti dwar il-qagħda ta' dawn l-iskips u dwar abbużżi u każijiet ta' vadaliżmu li qed issiru billi jiġu mkissra u li fihom qed jintefa materjal li mhux suppost li jintrema f'dawn l-iskips.

Saret diskussjoni fejn sar qbil illi għandu jiġi studjat jekk ikunx aħjar li dawn l-iskips jiġu mneħħija kollha fuq bażi temporanja peress li l-Kunsill jipprovdi servizz ta' ġbir ta' skart minn wara l-bieb. Jidher illi l-abbuż u użu ħażin ta' bosta minn dawn l-iskips ħodor imferxin madwar il-Gudja qed isir minn nies li mhux residenti fil-Gudja.

Il-Kunsill ma ħax deċiżjoni finali dwar dan iżda qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex l-iskips jinżammu aħjar.

c. Cameras/Servizz ta' wardens sabiex jipproteġu l-ambjent. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu jikkonsidra l-possibilita bil-għajnuna tar-Reġjun li jekk ikun possibli jintroduċi b'mod limitat s-servizz ta' cameras sabiex jipproteġi l-

ambjent. Jidher li bir-riżorsi limitati li għandu l-Kunsill ikun aħjar illi immedjatament il-Kunsill jikseb is-servizz ta' wardens sabiex jingħata sinjal ċar li l-Kunsill mhux sejjer jibqa passiv dwar din is-sitwazzjoni, u għalhekk is-servizz ta' wardens huwa dak ippreferi f'dan l-istadju.

Is-Sur Baldacchino fakkar illi l-Kunsill jonfoq ħafna flus u jipprovdi s-servizzi kollha disponibbli sabiex fil-Gudja u fl-inħawi tagħhha jkun hemm l-aħjar ambjent u għalhekk min qed jagħmel il-ħsara għandu jew jieqaf jew jinġieb quddiem il-liġi.

Is-Sur Baldacchino qal illi huwa infurmat mir-Reġjun illi l-Kunsill jista' jikseb servizz ta' 26 siegħa ta' wardens li jistgħu jgħinu dwar din il-problema. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab dan is-servizz mir-Reġjun kif sejjer jintqal:-

Sibt flgħaxija u l-Ħadd filgħodu:- Triq BurĠlat, Triq Birżebbuġa (ktr ma' Vjal it-Torri), Triq il-Barunissa, Triq il-Palazz u Triq Bir Miftuħ.

Il-Kunsill qabel illi l-wardens għandhom jingħataw pjanta ta' fejn jinsabu dawn l-iskips ġewwa l-Gudja.

d. Siġar tal-ficus. Għandhom jinqalgħu dawn is-siġar kollha tal-ficus speċjalment fejn jidher li dawn qed jagħmlu l-ħsara. Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mal-ELC għandu jsir rapport ta' fejn jinsabu dawn is-siġar tal-ficus sabiex fejn ikun possibli jinqalgħu u flokhom jitħawwlu siġar tal-Awrekarji u dawk indiġeni.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu ukoll jitlob lill-MEPA sabiex filwaqt jikseb il-permessi meħtieġa jitlob ukoll pariri mingħand l-esperti dwar dak li jkun meħtieġ u dwar siġar li jitpoġġew flok is-siġar tal-ficus.

Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir bi pjan u fuq medda ta' żmien sabiex b'hekk ikun assigurat illi jinkiseb l-aħjar riżultat u b'mod li jkun sostenibbli.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Attivitajiet sportivi ġewwa l-Gudja. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill kompla b'dawn l-attivitajiet sportivi bil-għan li kemm il-kbar kif ukoll iż-żgħar jagħrfu l-importanza tal-eżerċizji fiżiċi u b'hekk ikollhom ħajja aħjar u li tiġi miġġielda l-obeżita li tista' tikkawża ħafna problemi. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill qed jagħmilha faċli sabiex wieħed jipparteċipa u qal ukoll illi l-attendenza għal dawn il-korsijiet kemm taż-żgħar kif ukoll tal-kbar kienet dejjem qed tiżdied. Filwaqt li ta' tagħrif dwar dawn il-korsijiet, is-Sur Sammut irringrazzja kemm lill Kunsill kif ukoll lid-diriġenti tal-iskola Primarja Il-Gudja, Kulleġġ San Benedittu kif ukoll l-istructors għal ħidma u entużjażmu tagħhom u talab ukoll illi ssir xi forma ta' ftehim mal-Parroċċa sabiex meta jkunu ġranet ta' xita tkun tista' tintuża s-Sala tal-Parroċċa u b'hekk ma jintilifx l-ħin tal-eżerċizzju fiżiku. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Sammut.

b. Demelsa Grech.

i. GAL Xlokk – Action-A7 Community Support for Children - Ms. Grech infurmat il-Kunsill illi saret applikazzjoni mal-GAL Xlokk li qed tiġi proċessata. Jekk tiġi milqugħa din l-applikazzjoni l-Kunsill ikun jista' jagħmel Homework Club ġewwa l-iskola Primarja fil-Gudja li jkunu jistgħu

igawdu t-tfal u l-ġenituri u jiġi assigurat li ħadd ma jaqa lura u jiġi ukoll ikkombattut il-litteriżmu

ii. Kors tal-kompjuter TCTC. Ms. Grech qalet li ntlaħaq ftehim mat-TCTC li jsiru żewġ korsijiet fix-Xitwa u ieħor fis-Sajf u li dawn il-korsijiet ikunu b'xejn għal min jattendi ħlief li jħallsu €10 għan-noti (beginners) u €15 għal l-ewwel parti tal-ECDL. Il-Kunsill qabel li jsir il-pagament ta' €1150 li kien jinsab pendenti peress li dan il-pagament issa ikopri ukoll dawn it-tlett korsijiet.

c. Stefan Caruana

i. L-Erba' Staġuni – Programm Kulturali madwar il-Gudja mis-16 ta' Settembru sat-08 ta' Diċembru 2013. Is-Sur Caruana ippreżenta l-programm kif muri f'dokument 'A' ma' dawn il-minuti. Is-Sur Caruana ta aktar tagħrif dwar it-twettiq ta' dan il-programm. Il-Kunsill approva dak li ippreżenta u qal is-Sur Caruana.

ii. Korsijiet Macrame u Craft tal-Milied. Is-Sur Caruana qal illi bħala parti mill-attivita' kulturali kien qed jipprepara li jsiru dawn il-korsijiet fiċ-Ċentru ta' Tagħlim u Taħriġ Matul il-Ħajja (LLL Centre). Il-Kunsill ikun qed iħallas lill instructor (li hija ukoll magħrufa sewwa mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni peress li hija stess tagħmel korsijiet simili f'siem id-Dipartiment) s-somma ta' €250 għal kull kors. Il-parteċipanti, barra milli jġibu l-materjal, iħallsu s-somma nominali ta' €10 għal kull kors. Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Caruana u qabel ukoll illi jagħti s-sostenn kif ikun meħtieġ.

iii. Programm Milied ta' Dari. Is-Sur Caruana qal li dan il-programm li kien ta' l-bidu tiegħu l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino kien ta' suċċess u għamel ħafna ġid kulturali kemm fil-Gudja kif ukoll għal dawk li ġew barra mill-Gudja. Is-Sur Caruana qal li dan il-programm huwa ukoll inkluż għal din is-sena fil-programm Kulturali iżda xtaq li jinfirex lejn in-naħa tas-sorijiet lejn Xlejli kif ukoll jilħaq il-periferija tal-Gudja sabiex b'hekk ikun program inklussiv u li jkun jista jitgawda aktar. F'dan l-istadju is-Sur Caruana stieden l-għajnuna u l-koperazzjoni tal-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino li qablu li jaħdmu flimkien sabiex dan il-programm ikompli jkun ta' suċċess.

**3.0** ***<u>Mozzjoni M1-2013/7:- Mressqa mill-Kunsillier Mark Anthony Sammut sekondata mill-Kunsillier Stefan Caruana li rċieva l-Kunsill fis-17 ta' Settembru 2013, dwar il-one way Triq il-Kbira minn Wesgħet Anġlu Dalli sal-Pjazza li qegħda tiġi operata għal perjodu limitat u bi prova.</u>***

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara u ippreżenta l-mozzjoni bil-firem rispettivi tagħha u li q qed tinżamm fir-records tal-Kunsil..

3.2 Il-Kunsill ikkonsidra l-fatt illi l-permess tat-TM kif muri ma' dawn il-minuti Dok 'B' kien dak temporanju u għalhekk kien hemm qbil unanimu li din it-triq għandha tinfetaħ għat-traffiku kif ikienet oriġinaljament malli jitlestew ix-xogħlijiet.

3.3 Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

3.4 Il-Kunsill qabel ukoll illi għandu jkomplu bil-pressjoni sabiex titkompla dik imsejħa ir-ring road li bdiet minn Vjal it-Torri, tgħaqqad Triq Ħal Resqun u li tkompli sa Triq Bir Miftuħ.

3.5 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ukoll dwar li jista' issir xi forma ta' traffic lights sabiex ma jkunx hemm konġestjoni ta' traffiku fi Triq il-Kbira speċjalment fil-parti ta' triq li tibda mill-katuniera ta' Triq G. Cassar u twassal sal-katuniera ta' Triq il-Fidwa fil-Wesgħet Anglu Dalli.

3.6 Il-Kunsill qabel ukoll illi għandha issir talba lit-TM sabiex it-traffiku jiġi limitat billi fit-tarf ta' triq li tiżbokka fi Triq Ħal Far faċċata tal-Ajruport Internazzjoanli ta' Malta titwaħħal tabella – No Entry – except for residents and to render a service.

## 4.0 ***Rapporti***

4.1.0 Ilmenti

4.1.1 Tiswijiet meħtieġa, immaniġjar tat-traffiku f'Dawret il-Gudja li tmiss ma' Triq Raymond Caruana Il-Gudja. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilment u dwar l-ipparkjar ħażin maġemb l-ATM li tinsab f'dawn l-inħawi u qabel li jiġu irranġati ċnagan maqluha u li l-TM tintalab sabiex issir dak meħtieġ sabiex ma jkunx hemm parking ħażin li qed jikkawża ħafna inkwiet lir-residenti.

4.1.2 Il-Proġett tal-Gas tad-Delimara. Is-Sur Sammut qal li jifhem li l-Enemalta bagħtet lill-Mepa kommunikazzjoni dwar dan il-proġett. Is-Sur Sammut qal illi tkun ħaġa f'waqta li l-Kunsill jagħmel kuntatt mal-MEPA sabiex jakkwista kopja u jiddiskuti dan l-Impact Assestment Statement kif ikun meħtieġ.

Is-Sur Sammut talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-MEPA sabiex jingħata l-abbozz ta' dak propost u li jista' jolqot lill-Gudja u wara issir preżezntazzjoni mill-MEPA sabiex il-Kunsill jesprimi l-opinjoni u jaġizzi kif ikun meħtieġ.

4.1.3 Ilmenti oħra. Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' ilmenti oħra u ġie infurmat illi dawn ittieħdu passi fuqhom malli waslu għand il-Kunsill u bosta minnhom ġew solvuti speċjalment fejn dawn kiennu fil-kompetenza u fl-ambitu tal-Kunsill.

## 5.0 ***Xogħlijiet u Progress***

5.1.0 Triq il-Kbira

5.1.1 Mal-ftuħ tad-diskussjoni dwar il-progress tax-xogħol ta' din it-triq il-Kunsillieri urew id-diżapprovazzjoni tagħhom dwar li sar xogħol ta' pavimentar fuq in-naħa ta' wara tal-Wesgħet Anglu Dalli li tmiss ma' proprjeta privata meta kien diġa miftiehem illi qabel jiġi konsidrat dan ix-xogħol kellha issir laqgħa urġenti preċiżament sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar dan.

5.1.2 Fil-fehma tal-Kunsillieri dak li sar ma jaqbilx kompletament mal-ambjent u għalhekk kien aħjar kieku li sar xogħol ieħor ta' asphaltar.

5.1.3 Is-Sindku spejga li huwa kien fehem li l-Kunsill kien qabel li jsir xogħol limitat kif fil-fatt għamel u peress tal-urġenza sabiex jitlesta l-proġett ta' Triq il-Kbira li minnu tifforma parti żgħira ħafna din il-parti in kwistjoni ħa l-inkarigu illi jagħżel l-aħjar ċangatura li tmur mal-ambjent u li titpoġġa mill-istess kuntrattur tal-pavimentar għaliex dan kien wassal li lesta x-xogħol tal-bankina u ma kienx sejjer jiġi lura għal biċċa xogħol daqshekk żgħira.

5.1.4 Filwaqt li l-Kunsilliera insistew li l-Kunsill m'għandux jiġi injorat is-Sindku kompla jispjega li dak li għamel għamlu fl-aħjar interess tal-Kunsill u li ma kellu ebda intenzjoni jinjora l-Kunsill.

5.2 Toroq Oħra. Dawn it-toroq jiġu ikkonsidrati fil-programm tal-Kunsill skond kif jippermettu l-finanzi.

## 6.0 *UIF – Ġnien Raymond Caruana – Pjan ta' Ħidma*

6.1 Is-Sur Baldacchino qal li x-xogħol waqa ftit lura peress li l-apparat meħtieġ kien sejjer jasal għal wara nofs Ottubru 2013. Is-Sur Baldacchino qal li x-xogħol sejjer jieħu spinta kbira lejn l-aħħar t'Ottubru 2013 u li għandu jitlesta fi żmien qasir.

6.2 Is-Sur Baldacchino fakkar ukoll illi qed issir dak kollu possibli sabiex id-dwal ikunu energy savers u fejn ikun possibli tintuża sistema ta' enerġija alternattiva.

6.3 Is-Sur Baldacchino qal li qed ikun hemm kordinament tajjeb bejn il-kuntrattur, il-perit u l-uffiċjali tal-Kunsill.

## 7.0 *Finanzi*

7.1 Petty Cash.
Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €58.52 għax-xahar ta' Awwissu.

7.2.0 Skeda ta' Pagamenti.

7.2.1 L-iskeda tal-pagamenti għax-xhur t'Awwissu u Settembru 2013 għas-somma totali ta' €29,702.68 ġiet approvata nem con.

7.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Xiri ta' siġar tal-larinġ u lumi. Il-Kunsill qabel li jinkisbu kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw għaxar taċ-ċitru sabiex jitpoġġew fi Ġnien R. Caruana u f'Wesgħet Anglu Dalli.

## 8.0 *Għeluq tal-laqgħa u aġġornament*

8.1 Il-mina li minn Triq il-Lebbien tiżbokka fi Triq il-Kbira. Is-Sur S. Carauana qal li din il-mina hija important ħafna għax minnha jgħaddu ħafna nies u li hija ukoll għandha importanza tagħha f'qalb ir-raħal u għalhekk għandha tiġi protetta u mhux titħalla f'abbandun.

Is-Sur Caruana talab li titbagħat ittra lill Lands Department sabiex jiġi stabbilit darba għal dejjem jekk din l-art hiex art pubblika peress li ilha hekk għal bosta bosta żmien.

Is-Sur Caruana talab ukoll illi ssir bollard b'nofs il-mina peress li hemm sinjali li qed joħroġu vetturi minn Triq il-Lebbien għal Triq il-Kbira u dan huwa ta' periklu kbir għal min ikun qed juża dawn l-inħawi.

8.2 Aġġornament

8.2.1 Peress li l-agenda ġiet eżawrita il-laqgħa ġiet aġġornata fid-8.45p.m. għall-Erbgħa 30 t'Ottubru 2013 fit-5.45pm fuq Agenda li tiġi iċċirkulata għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-